# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-64 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru 2014 fis-6:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Vincent A Galea |
| | Alfred Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

| ***Skużati*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**64/01 Talba**

**64/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Preżenti għal laqgħa kien hemm ukoll is-Sinjorina Maria Tanti, l-EO tal-Kunsill. Il-Kunsill skuża lill-Ambaxxatriċi Żagħżugħa.

**64/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 63**

**64/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-minuti.

**64/03 Punti mtella' mill-Minuti 63**

**64/03/01** **Para 63/03/01:** Il-Kunsill irċieva żewġ pagamenti minn GreenMT filwaqt li gejna avzati li suppost dalwaqt ser ninghataw konsenja ta' boroz grizi. Ġie innutat li għad ma kienx hemm risposta minn WasteServ fuq il-*Bring in Site*. Ġie deċiż li dawn jitneħħew u jitpoġġew fis-*Searchlight Battery*. Jekk ikun hemm bzonn jinkera *crane* biex dawn l-bins jitpoggew fil-post.

**64/03/02** **Para 63/03/02:** Gie innotat li l-kaxxa s-safra fil-Pjazza tad-Dejma ghadha ma saritx kif ukoll it-tabella tat-traffika ma wehhlitx. Ser inkomplu insegwu.

**64/03/03** **Para 63/03/03:** L-ittra rigward il-kulverts fi Triq San Ġwann u Triq Emm. Perren intbagħtet lil TM.

**64/03/04** **Para 63/03/04:** Ġie innutat li l-Euro Clean ma ġabrux il-pagament tagħhom u lanqas ġabu l-irċevuti. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lilhom biex ikunu infurmati bil-kitba.

**64/03/05** **Para 63/03/05:** Road Services Ltd kienu applikaw ghall-permess sabiex ikun jista jibda x-xoghol.

**64/03/06** **Para 63/03/08:** Is-Sur Vincent A Galea informa lill-Kunsill li iltaqa' mal-Koptasin u dawn irrikomandaw li ma jisrux *markings* imma issir tabella li tindika li t-traffiku jghaddi miz-zewg nahat. Il-Kunsill unanimament qabel li tigi ordnata din it-tabella fuq arblu.

**64/03/07** **Para 63/03/11:** Saret diskussjoni u giet innutata l-korrispondenza dwar l-arranġament tat-traffiku li sar fit-Toroq Santa Katerina, Sebħ, Madliena u Ibraġ minn Transport Malta. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lil Transport Malta li jekk mhux ser jintlaqa s-suggeriment tal-Kunsill Lokali sabiex ir-residenti ikunu jistghu jidhlu u johorgu miz-zewg nahat tat-triq allura Triq Santa Katerina ma ghandix tibqa tifforma parti minn dan l-arrangament u t-tabelli li twahhlu jitnehhew.

**64/03/08** **Para 63//03/11:** Ġie innutat li TM għadha ma għamlitx it-tiswija neċessarji fuq il-ħajt fi Triq il-Gnien pero poggiet il-barriers fuq il-post.

**64/03/09** **Para 63/03/15:** Kien hemm diskussjoni fuq il-fuljett tal-Kunsill. Il-materjali issa ser jintbaghat lill-printer.

**64/03/10** **Para 63/03/16:** Is-Sur Vincent A Galea informa lill-Kunsill li kellu żewġ laqgħat mal-Ko-ordinatur tal-LEAP Project. Għandha ssir laqgha biex jiġu identifikati problemi soċjali fil-lokal. Din ser issir nhar l-Erbgha 12 ta' Novembru. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jiehu hsieb li jigu mistiedna l-partecipanti etc.

**64/03/11** **Para 63/03/17:** Is-Sur Vincent A Galea informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-rapprezentant tal-Battlefront Group. Kien hemm diskussjoni rigward il-formazzjoni ta' kumitat biex issir attività etc. Is-Sur Vincent A. Galea ser jiehu hsieb il-preparazzjoni tal-applikazzjoni lid-DLG sabiex jinkisbu l-fondi ghal din l-attivita'.

**64/03/12** **Para 63/03/18:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-ittra intbagħtet lis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew u qed nistennew li tiġi lura ffirmata minnhom.

**64/03/13** **Para 63/05/03:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-plakka tal-isem tat-Triq Katerina Sammut ser tinxtara. Il-MEPA ġiet infurmata bl-iżvilupp li allegatament ser isir fl-istess triq u tlabna li ssir *site visit*.

**64/03/14** **Para 63/06/02:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-avviż dwar "Aqra Miegħi, ġie ppubblikat.

**64/03/15** **Para 63/06/04:** Il-Kunsill ġie infurmat li Galea Curmi Engineering ġew fuq il-post u għandhom jibagħtu ċ-ċertifikat tal-*live streaming*.

**64/03/16** **Para 63/07/01:** Ġie innutat li l-bilanċ fil-UIF huwa ta' €8248. Għandha tintalab stima tal-Perit biex parti minn Triq Emm Perren issir bil-*patterned concrete*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**64/03/17** **Para 63/07/03:** Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol fuq ir-rampa fi Triq San Ġwann tlesta.

**64/03/18** **Para 63/07/04:** Għandu jsir follow up mal-*Paying Agency* rigward pagamenti pendenti lill-kuntratturi.

**64/03/19** **Para 63/07/05:** Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jiehu hsieb jikkordina t-titqib tal-influenza.

**64/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**63/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġew approvati ukoll il-pagamenti li saru mill-Petty Cash fix-xahar ta' Ottubru.

**64/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**64/05/01** 18114093218987 Ilment fuq is-servizz tal-Bulky Refuse. Il-kuntrattur mhux qiehed jigbor dak kollu li jkun fuq il-lista. Residenta ilmenta ukoll li l-kuntrattur kisser parti mil-hajt tal-parapett. Il-Kunsill ser ikellem lill-Kuntrattur dwar il-gbir tal-iskart goff. Rigward il-hsara li allegatament saret ir-residenta ghandha tigi infurmata sabiex taghmel rapport lill-Pulizija.

**64/05/02** 18114071219086 Ilment li fil-Wied Anglu qed ikompli jintefa r-radam u issa l-ilma ma jistax jmxi fil-wied kif kien jaghmel qabel. Gie innotat li t-terrapien u l-hamrija intefghu fl-ghelieqi tal-genb tal-wied imma mhux fil-wied.

**64/05/03** 18114056219078 Talba sabiex titwessa Triq il-Gnien fejn il-Palazz tal-Kmand jew jehlu Traffic lights ghaliex qed ikun hemm hafna problemi meta jiltaqghu karrozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Gie deciz li ghal darba ohra TM tintalab sabiex jew twessa t-triq jew tinstalla *traffic lights.*

**64/05/04** 18114073219081 Talba sabiex it-Tabelli tal-One Way li twahhlu fi Triq Santa Katerina jitnehhew jekk Transport Malta ma taccettax li dawn jigu emendati sabiex ir-residenti ikunu jistghu jidhlu u johorgu miz-zewg nahat. Gie deciz li nergghu niktbu lil TM.

**64/06** ***Korrispondenza***

**64/06/01** Ġiet innutata Ċirkolari 65/2014 rigward Seminar SEEMORE dwar Mobiltà Sostenibbli u t-Turiżmu. Dan ser issir fil-11 ta' Novembru fil-Palace Hotel. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jattendi.

**64/06/02** Ġiet innutata Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014/15. Il-Kunsill għandu japplika għall-fondi għall-attività.

**64/06/03** Il-Kunsill ġie infurmat *Conference of the Constitution* li ser issir fis-6 ta' Novembru.

**64/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA rigward PA 1458/14, 0209/14, u 2194/14.

**64/06/05** Il-Kunsill ġie infurmat li l-Enemalta approvat t-talba għat-twahhil ta' bozza ġdida fi Triq Dun Karm Fenech. Għandhom jibdew il-proċeduri biex titwaħħal.

**64/06/06** Ġiet innutata Memo 28/2014 – Nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill.

**64/06/07** Rigward Skema Sports (Memo 25/2014) il-Kunsill din is-sena intalab sabiex joħrog aktar minn €1400 Ewro sabiex jippartecipa filwaqt li l-istudenti iridu jhallsu €20. Ġie unanimament deċiż li ma nipparteċipawx.

**64/06/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEUSAC rigward finanzjar għal Kunsilli Lokali għal *Town Twinning.*

**64/07 Materji oħra u mistoqsijiet**

**64/07/01** Ġiet unanimament approvata l-*Purchase Order* ġdida lil *Smart Lights* biex jinbidlu d-dawl taż-*Żebra Crossing* tal-Pjazza kif ukoll li l-*electrician* tal-Kunsill jintalab jaghmel ix-xoghol relatat mal-provvista tad-dawl.

**64/07/02** Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgha mill-President ta' Malta biex il-Kunsilli jorganizzaw attività ta' *fund raising* għall-Istrina.

**64/07/03** Il-Kunsill iddiskuta l-ahhar zviluppi dwar il-kors tal-*aerobics* u unanimament qabel li l-partecipanti jirrangaw direttament mal-Kapillan dwar il-kera tas-sala.

**64/07/04** Għandha ssir quddiesa għal dawk li mietu f'dawn l-aħħar 12-il xahar. Din ser issir fis-16 ta' Novembru 2014 fil-5.00pm.

**64/07/05** Ġiet approvata unanimament t-talba tal-librarian biex tahdem saghtejn *overtime* biex tagħmel xi inputting ta' data.

**64/07/06** Ġie unanimament deċiż li jsir ir-riklam tal-Kunsill fil-kalendarju li ser jinħareġ mill-Għaqda tan-Nar San Bartilmew. Dan jiswa €50.

**64/07/07** Is-Sur Alfred Muscat tkellem fuq l-attività ghall-anzjani li ser tiġi organizzata fl-Orange Tree Hall fit-18 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill approva l-partecipazzjoni tal-kantanti Benny u Tonia u Joe u Veronica Farrugia.

**64/07/08** Il-Kunsill feraħ lis-Sur Chris Fenech għal attività tal-*Hallowen Party* li kienet ta' suċċess kbir. Il-Kunsillier Chris Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ser jorganizza *Clean Up* fis-16 ta' Novembru. Hu ta ukoll dettalji dwar l-attività "Milied fil-Pjazza" li ser tiġi organizzat fl-14 ta' Diċembru. Waqt din l-attività ser ikun hemm fund raising għal Dar Fra Diegu u s-Sorijiet tal-Ursolini.

**64/07/09** Il-Vici Sindku ta dettalji dwar l-attività "Mixja mill-Għar" li ser issir fis-16 ta' Diċembru. Tluq ser issir fis-7.00pm mill-pjazza. Il-Kunsill approva l-partecipazzjoni

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**

tal-Ekklessia Sisters kif ukoll qabel li jinkera s-servizz tal-*PA system* u Dawl.

**64/07/10** Kien hemm qbil li jinxtara kompjuter ġdid sabiex jintuża mill-istaff amministrattiv tal-Kunsill. Dan hu bzonnjuz  minħabba l-*upgrade* fis-*software* li sar mid-DLG.

**64/08** **Aġġornament**

**64/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.45 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru 2014 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **18 ta' Novembru 2104** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | |